**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ZGĦAR**

GUDIKATUR
DR MARSETTE PORTELLI XERRI LL.D.
LL.B, N.P, LL.D, M.A., Dip. Tesol (Trinity)

**Seduta ta' nhar il-Gimgħa, 12 ta' April, 2024**

Kawza Numru: 11/2022 (MPX)

**Koperattiva Ghawdxija tal-Indafa Pubblika Limitata**

**vs**

**Joseph Galea (KI 29363G) f'ismu proprio, kif ukoll bhala ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' 'Rexy Bar & Restaurant'**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba, ipprezentat mill-koperattiva attrici fit-13 ta' Mejju, 2023, li permezz taghha esponiet kif gej:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti kienet giet inkarigata mill-intimat sabiex taghmel xoghol relatat mal-gbir tal-iskart min-negozju tal-intimati, u cioe` 'Rexy Bar and Restaurant', liema xoghol kien sar fuq perjodu ta' zmien;

2. Illi nonostante l-fatt li x-xoghol li sar mill-attur sar fuq struzzjonijiet tal-istess intimat, l-intimat ghadu ma jridx ihallas lill-attur;

3. Nonostante l-fatt li l-intimat gie interpellat mill-attur biex ihallas, huwa xorta wahda baqa' inadempjenti;

4. Illi l-ammont dovut lill-attur in konnessjoni mal-istess xoghol jammonta ghal elf, mitejn weighed u erbghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,241.25), VAT inkluz, jew ammonti verjuri li jistghu jirrizultaw waqt din il-kawza. Dan minbarra l-interessi legali sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjez konnessi li qeghdin jigu riservati;

5. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' elf, mitejn weighed u erbghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,241.25), VAT inkluz, jew ammonti verjuri li jistghu jirrizultaw waqt din il-kawza. Dan minbarra l-interessi legali sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjez konnessi li qeghdin jigu riservati.

Bl-ispejjez tal-prezenti procedura, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12 fl-ismijiet premessi, ittra numru 39/2022, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa ingunta.

Bl-interessi mid-data tal-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha wiegeb bif gej:

1. Illi t-talbiet u l-pretensjonijiet tas-socjeta` attrici fil-konfront tal-konvenut huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju l-eccippjenti m'ghandu jhallas xejn lis-socjeta` attrici;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Ra illi waqt is-seduta tal-24 ta' Marzu, 2023, giet ipprezentata mill-koperattiva attrici vera kopja tal-ittra ufficjali, bin-numru 39/2020, flimkien man-nota risponsiva;

Ra l-affidavit ta' Lawrence Zammit u d-dokumenti annessi mieghu;

Ra x-xhieda moghtija mill-konvenut Joseph Galea waqt is-seduta tat-12 ta' Mejju, 2023;

Ra x-xhieda in kontro-ezami moghtija mill-istess konvenut Joseph Galea waqt is-seduta tat-30 ta' Gunju, 2023;

Ra l-affidavit tal-konvenut Joseph Galea, ipprezentat seduta stante waqt is-seduta tat-30 ta' Gunju, 2023;

Ra l-affidavit ta' Anna Marie Mercieca Galea, ipprezentat ukoll seduta stante waqt is-seduta tat-30 ta' Gunju, 2023, flimkien mad-dokumenti annessi mieghu;

Ra l-affidavit ta' Marcel Bonnici, ipprezentat seduta stante waqt is-seduta tad-29 ta' Settembru, 2023;

Ra l-kontro-ezamijiet kollha.

It-Tribunal ser jghaddi issa biex jevalwa, b'mod saljenti, dak li jemergi mix-xhieda prodotta.

Ra l-affidavit ta' Lawrence Zammit, maniger fi hdan il-koperattiva attrici, li jghid li l-konvenut Joseph Galea, kemm f'ismu propju anke bhala ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' 'Rexy Bar & Restaurant', kien inkariga lill-Koperattiva Ghawdxija tal-Indafa Pubblika Limitata sabiex taghmel xoghol relatat mal-gbir tal-iskart min-negozju tieghu f'Imgarr Road, Ghajnsielemem, senjatament minn Rexy Bar and Restaurant.

Il-koperattiva, bhala parti mis-servizzi kienet tipprovdi lill-konvenut skip on wheels, tal-elf u mitt litru, u dan sabiex hu jew l-impjegati tieghu jhallu skart fl-istess bin, u li eventwalment l-istess bin kien jitbattal u jingabar mill-koperattiva. Il-gbir tal-iskart mill-Koperattiva kien isir kull meta jkun mehtieg u cioe` kull meta kien jimtela l-istess bin propjeta` tal-Koperattiva.

Jispjega li kien hemm perjodu li l-istess konvenut irrifjuta li jhallas tieghu, u dan ghar-raguni li, skont hu, terzi operaturi ta' stabbilimenti ma kinux jingaggaw kuntrattur ghall-gbir tal-iskart kummercjali. Jenfasizza li nonostante dan, is-servizz mill-Koperattiva baqa' ghaddej.

Illi fix-xhieda tieghu, il-konvenut Joseph Galea jghid illi ghall-habta tas-sena 2013 kien tkellem mal-koperattiva attrici, precizament ma' certu Marcell Bonnici u ma' Lawrence Zammit. Jghid illi kien spjegalhom li ma kienx jaraha gusta li jhallas ghall-iskart ta' haddiehor, ghal-liema, fi kliem l-istess konvenut, kienu tawh ragun u kienu qalulu li kienu ser jiehdu hsieb biex dan l-abbuz jinqata'. Izid jghid illi abbazi tal-ftehim milqugh, kellu jsir infurzar biex ir-ristoranti l-ohra jkollha l-iskip taghhom, biex b'hekk kulhadd ihallas skont kemm jiggenera, u li sal-ahhar ta' Marzu tas-sena 2014, kwalsiasi kont li seta' kien ghadu dovut mir-Rexy Bar & Restaurant lill-Koperattiva attrici kellu jigi kkancellat u jintesa'.

L-istess konvenut izid jghid li minn April 2014 'il quddiem, il-kontijiet ricevuti thallsu dejjem permezz ta' cekkijiet.

Fix-xhieda taghha, Anna Marie Mercieca Galea tghid illi hija dik il-persuna li tiehu hsieb il-kontijiet, u tghid li l-hlasijiet dejjem saru puntwalment. Hija pprezentat ukoll kopja tal-mammiet tac-cekkijiet. Izzid tghid illi fi stadju minnhom, stante li kien irrizulta li kien sar *overpayment*, kienu gew mahruga zewg (2) *credit notes* sabiex jikkumpensaw. L-istess xhud tghid illi sakemm ircevew l-ittra ufficjali fl-20 ta' April, 2022, qatt ma gew mitluba jhallsu xi ammonti jew gew avzati li kien hemm xi bilanc dovut.

Illi fil-kontro-ezami tieghu, il-konvenut Joseph Galea jerga' jtenni li r-rapprezentanti tal-koperattiva, cioe` Lawrence Zammit u ufficjali iehor, wara li gew affaccjati minnu ghall-ingustizzja li hass li kienet qed issir mieghu peress li kien qed ikun tenut ihallas ghal zibel mitufgh minn terzi, qalulu li minn dk il-punt lura kellhom jinsew kwalsiasi ammonti li kien fadal pendent u jibdew b'xi haga izjed fix-xahar. Jghid li effettivament hekk gara.

Fil-kontro-ezami tieghu, Lawrence Zammit, rapprezentant tal-koperattiva attrici, jghid illi huwa ilu jahdem fi hdan l-istess koperattiva ghal madwar tlieta u ghoxrin (23) sena. Huwa jafferma illi l-ammonti kollha dovuti ghas-snin 2018, 2019 u 2020 kienu pjenament imhallsa. Mistoqsi ghal-liema perjodu jikkorrispondi l-ammont mitlub permezz ta' din il-kawza, l-istess Lawrence Zammit iwiegeb hekk:

> *Avukat Dottor Mario Calleja: Jigifieri, allura, dan l-ammont li l-koperattiva qed titlob, ta' elf, mitejn, wiehed u erbghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,241.25), ta' x'hiex inhu?*
>
> *Ix-xhud: Kontijiet pendent going back to, mhux cert, imma ngiblek id-dokumenti jekk trid, minghalija 2008, 2009, sal-11, 12, xi haga hekk.*
>
> *Avukat Dottor Mario Calleja: 2009 –*
>
> *Ix-xhud: Imma miniex cert voldieri. Imma dan qabel it-2014 zgur.*
>
> *Avukat Dottor Mario Calleja: Zgur qabel it-2014.*
>
> *Ix-xhud: Iva.*

Fl-affidavit tieghu, Marcel Bonnici jispjegaa illi huwa kien jokkupa l-kariga ta' maniger tal-Koperattiva Ghawdxija tal-Indafa Pubblika ghal xi ghaxar snin. Jispjeha li n-negozju bl-isem ta' 'Rexy Bar & Restaurant', fi Triq l-Mgarr, Ghajnsielem, Ghawdex, kien jaghmel uzu mis-servizz ta' gbir ta' skart offrut mill-Koperattiva, u li, kuntrarjament ghal hafna ristoranti ohra f'Ghawdex, kien ihallas ghal dan is-servizz u mhux jiddisponi mill-iskart b'mod illegali.

Izid jghid li l-konvenut Joseph Galea, cioe` sid l-imsemmi ristorant, kien infurmahom li whud mir-ristoranti kienu qed juzaw l-iskip tieghu biex jiddisponu mill-iskart taghhom. Jghid li Galea kien isostni maghhom li dan kien ingust ghalih. Jispjega illi huma bhala koperattiva kienu tawh ragun, ghaliex dehrilhom li kien qed jirrizulta li Galea kien qed ihallas ghall-iskart tieghu, kif ukoll ghall-iskart iggenerat minn ristoranti ohra.

Fl-istess dikjarazzjoni guramentata tieghu, Marcel Bonnici jghid li ghall-bidu tas-sena 2014, kien sar qbil bejn Joseph Galea u l-koperattiva attrici, fejn kien gie miftiehem li l-koperattiva kellha taghmel sforz biex ir-ristoranti l-ohra jkollhom skip esklussiv taghhom, u li l-kontijiet li r-Rexy Bar & Restaurany

seta' kellu mal-koperattiva sal-ahhar ta' Marzu, 2014, jigu mahfura u meqjusa daqs li kieku mhallsa. Dan bi tpattija ghall-fatt li Joseph Galea ghamel zmien twil ihallas ghall-iskart ta' haddiehor.

Izid jghid li minn April 2014 'il quddiem, l-isemmi ristorant baqa' dejjem ihallas permezz ta' cekkijiet, u dan b'manjiera regolari u kontinwa. Jghid illi hija sorprendenti ghalih kif il-koperattiva qed tippretendi hlas ta' kontijiet ta' qabel l-2018.

Ikkunsidra:

Illi mill-assjem tax-xhieda, it-Tribunal jista' jislet is-segwenti punti:

(i) Il-koperattiva attrici kienet toffri servizzi bi hlas, konsistenti fi gbir ta' skart, lin-negozju 'Rexy Bar & Restaurant', propjeta` tal-konvenut Joseph Galea;

(ii) Illi sabiex jinghata tali servizz, kienu jitqieghdu bins on wheels, liema bins, il-konvenut Joseph Grech jasserixxi, u jsostni li kien ilmenta dwar dan mal-koperattiva attrici, li kienu jimtlew mhux biss minn skart iggenerat min-negozju gestit minnu, imma anke minn dak iggenerat minn negozji ohra;

(iii) Illi Joseph Galea hass li tali prassi, u cioe` wahda fejn kien qed ikollu jhallas ghall-iskart ta' terzi, kienet wahda ingusta fil-konfront tieghu;

(iv) Illi t-Tribunal, wara li ra wkoll id-dikjarazzjoni guramentata ta' Marcell Bonnici, li kien jokkupa kariga ta' maniger fi hdan il-koperattiva, u wara li nnota li l-verzjoni hemm moghtija tikkombaci ma' dik ta' Joseph Galea u bintu Anna Marie Mercieca Galea, jemmen illi huwa minnu li kien intlahaq qbil bejn il-koperattiva u Joseph Galea sabiex il-kontijiet li setghu kienu ghadhom pendenti sal-ahhar ta' Marzu, 2014, jigu mahfura u jitqiesu daqs li kieku mhallsa;

(v) Illi fl-ebda waqt tal-provi prodotti mill-koperattiva attrici ma gie sodisfacentement ippruvat il-perjodu li ghalih jirrelata l-kreditu allegatament dovut lill-koperattiva attrici, bir-rapprezentant tal-istess koperattiva, Lawrence Zammit, jghid li mhux cert mill-perjodu, pero` jaf li ghal qabel is-sena 2014;

(vi) Illi meta rrizulta *overpayment* maghmul minn Rexy Bar & Restaurant a favur tal-koperattiva attrici, l-istess koperattiva rrimedjat is-sitwazzjoni, u dan billi kkumpensat bi credit notes. Dan ikompli jqanqal dubji fit-

Tribunal kemm, allura, kien ghadu tassew dovut xi kreditu lill-koperattiva;

(vii) Illi gie affermat ghal darba, darbtejn, illi l-ammonti kollha dovuti ghas-snin 2018, 2019 u 2020 lill-koperattiva attrici mill-konvenut, kienu mhallsa.

In vista ta' tali konsiderazzjonijiet, dan it-Tribunal m'huwiex tal-fehma li l-koperattiva attrici rnexxielha sodisfacentement tipprova l-kreditu dovut lilha.

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-istess koperattiva attrici.

(ft.) Dr. Marsette Portelli Xerri
*Gudikant*

(ft.) Martina Axiak
*Deputat Reġistratur*